## Is-Sena 1745:

# L-Isqof Alpheran de Bussan jżur il-Parroċċa ta' Bormla

Fis-snin li għaddew rajna flimkien id-deskirzzjoni tal-knisja ta' Bormla kif ħallielna l-Isqof Giacomo Molina li żar din il-Knisja fl-1680.

Minn din is-sena se nibdew naraw naqraw il-vista pastorali ta' l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan li żar din il-Knisja fl-24 ta' Ottubru 1751. Ma kienitx l-ewwel vista ta' dan l-Isqof, iżda kienet it-tielet waħda.

Hi vista tabilħaqq interessanti. Barra li hi dettaljata, naraw fiha l-iżvilupp kbir li sar f'din il-knisja matul il-mixja tas-snin.

L-Isqof Alpheran de Bussan kien Isqof ta' nisel Franċiż. Kien Isqof, li għalkemm ma kienx Malti, ħabb ħafna d-djoċesi ta' Malta. Ikkonsagra bosta knejjs, waqqaf is-Seminarju u wettaq bosta riformi. Il-visti pastorali tiegħu huma dettaljati u għalhekk minnhom nistgħu niġbru ħafna tagħrif dwar il-knejjes tagħna.



*L-artal maġġur Mużew f'1732*

Il-vista ta' Bormla, bħal ta' Parroċċi oħra ġiet imħejjija tajjeb. Kemm hu hekk, jum qabel, sar jum ta' talb fil-knisja tal-patrijiet Tereżjani.

Il-vista fetħet fl-24 ta' Ottubru, 1751 wara li dan l-Isqof temm il-vista fil-knisja ta' San Lawrenz.

Dak in-nhar fis-sebgħa ta' filgħodu telqet il-purċissjoni minn San Lawrenz b'waqfa fil-knisja ta' Santa Tereża u wara kompliet sal-Parroċċa.

F'din il-Purċissjoni ħadu sehen il-kleru, l-fratellanzi u n-nies ta' Bormla filwaqt li l-Isqof Alphersan de Bussan mexa taħt il-Baldakkin.

Fil-bieb tal-knisja sar iċ-ċerimonjal tal-bidu tal-vista li fih ħa wkoll sehem il-kappillan Dun. G.B. Crispo.

Wara li l-Isqof libes l-abiti tal-quddiesa ġiet ċelebrata l-quddiesa ta' San Rafel li fiha Dun Girgor Barbara, il-Kappillan ta' Ħal Lija ta tifsira bil-Malti ta' l-skop ta' din il-vista.

Wara li ntemmet il-quddiesa, l-Isqof beda jżur il-knisja billi fetaħ u ra t-tabernaklu. Dan kien ta' l-injam u indurat u mghotti b'kanipew iffurit. Fih kien hemm żewġ pissidi li wieħed minnhom kien jintuża għat-tqarbin tal-morda.

Wara l-Isqof ra l-Battisteru li fih kien hemm il-kwadru li kien jirrappreżenta l-magħmudija ta' Gesù. Hawnhekk iżda l-Isqof għamel osservazzjoni li ż-żjut ma kienux jissakkru u għalhekk ordna li ssir bieba quddiem dan l-armarju li kien imħaffer fil-ħajt.

Meta tkellem dwar iż-żjut tal-morda l-Isqof josserva li dawn kienu merfugħa f'vażett żgħir għamla ta' kalċi, elaborat ħafna u merfugħ f'armarju żgħir ħdejn l-artal maġġur.

Wara hu għadda biex jitkellem dwar l-artal maġġur u jibda biex jgħid li kien hu li kkonsagra dan l-artal fil-25 ta' Mejju tal-1732. Josserva wkoll li quddiem l-artal kien mixgħul lampier tal-fidda.

Hawnhekk l-Isqof isemmi l-erba' prokuraturi tal-Veneranda Lampada li kellhom rabta kbira ma' dan l-artal. Dawn kienu Dun Feliċjan Farrugia, Dun Santin Cachia, Dun Ġużepp Demarco u Pietru Pawl Saliba.

Isemmi wkoll il-fratellanza tas-Sagrament li din taf il-bidu tagħha fis-6 ta' Diċembru 1581. Kull xahar fit-tielet Ħadd, il-fratelli liebsin il-konfratija kienu jiltaqgħu u jitolbu flimkien. Dmir iehor kien dak li jakkompanjaw l-Ewkaristjia Mqaddsa waqt il-Vjatku tal-Morda, fil-waqt li jieħdu sehem bis-sħiħ fil-festa ta' Corpus u fl-Ottava li ssir ġimgħa wara. L-Isqof jirraporta wkoll li din il-fratellanza kellha erba' prokuraturi li kienu Dun Ġwann Battista Caruana, Dun Santin Cachia, Ġwakkin Zammit u Pietru Calleja.

Fratellanza oħra li jitkellem dwarha l-Isqof Alpheran f'din l-ewwel parti tal-vista tiegħu, kienet dik magħrufa bħala "tal-Mejtin".

L-iskop ta' din il-fratellanza kien dak li tieħu ħsieb id-difna ta' dawk il-persuni li kienu jmutu povri. Din il-fratellanza kienet twaqqfet bl-approvazzjoni tal-Isqof Tumas Gargallo fl-1617, u sena wara din ġiet aggregata ma' fratellanza bl-istess skop li kienet imwaqqfa f'Ruma.

Din kienet l-ewwel parti ta' din il-vista. Baqa' ħafna aktar dettalji interessanti li dawn narawhom flimkien fis-snin li ġejjin.

*Tony Terribile*